għall-qima ta' l-allat tagħhom. It-teorija ta' l-arkjoloġi tal-lum hija li postijiet bħal dawn huma pre-istoriċi. Jista' jkun li l-Feniċi jew Puniċi baqgħu jużawhom, u għa hekk ukoll in-nies ta' żmien il-ħakma Rumana, (in-nuqqas ta' iskrizzjonijiet Puniċi f'dan il-bini qadim ma jwettaq xejn din il-fehma); imma huwa fatt li dawk il-monumenti huma hekk im-begħdin mill-Feniċi jew Puniċi daqskemm aħna mill-istess Feniċi. Dan id-daqsxejn ta' anakroniżmu, madankollu, ma jtellef xejn mill-meritu letterarju tad-dramm.

L-iktar bċejjeċ li fihom l-Awtur wera teknika partikulari (neħħi l-puriżmu ta' kliem) u id-dramm jagħtuh il-preġju artistiku, huwa fejn "Il-Barrani", fl-ewwel taqsima, jitħaddet fuq il-ġrajjiet koroh ta' mis-sieru, il-mirbuħ sultan ta' Kreta, u ċ-ċerimonja ritwali tad-debħa tax-xbejba Lydia fuq l-artal ta' Afrodite fejn id-deskrizzjonijiet tad-draw-wiet qodma ta' Greċja huma maqlugħin b'reqqa bi kwadri artistiċi.

It-tieni taqsima, fix-xena bejn il-Barrani u Safja, hija iżjed maq-lugħa mill-ewwel taqsima f'xeni oħra għal dik li hi teknika teatrali. Fiha d-djalogu huwa iżjed mexxej, ħafif u jaqbel mas-sentimenti psiko-loġiċi fiż-żewġ persunaġġi fil-mumenti l-iktar emozzjonanti u dramma-tiċi b'inkejja tat-tul li ma jtellef xejn mill-ħajja tad-djalogu. Il-karat-terizzazzjoni ma fihiex xi tmaqdar u f'kull persunaġġ hija miżmuma mill-bidu sa l-aħħar.

Fl-aħħarnett nistgħu ngħidu li fost it-tliet drammi li kiteb s'issa l-Awtur, "Il-Barrani" naħseb li jkun l-inqas popolari, imma l-iżjed im-portanti fil-kontroversja li jista' jaqla'.

Ċertament il-kontroversja tkun ta' siwi għall-istadju tal-lsien Malti u ta' ġieħ ikbar lil Serracino-Inglott. Ma hemm ebda dubju li "Il-Bar-rani" mhux opra ta' min ma japprezzahiex għall-argument oriġinali u idejiet fantastiċi u għat-trama tas-suġġett u żvolġiment tagħha. Fl-istorja tal-letteratura drammatika Maltija dan id-dramm, meħud kollu kemm hu, jista' jitqies li hu wieħed mill-ewwel mudelli ta' oriġinalità ta' xogħlijiet drammatiċi Maltin.

c.a.m.

## KRONAKA TA' "IL-MALTI"

### BDIL TA' INDIRIZZI

Billi xi abbonati ta' "Il-Malti" ma għadhomx joqogħdu bid-dar fl-indirizz tas-soltu xtaqna li huma jgħarrfu lit-Teżorier, is-Sur VICTOR APAP, 22, Triq It-Torri, Tas-Sliema, bl-indi-rizz il-ġdid tagħhom biex "Il-Malti" ma jitraġġax lura mill-Posta.

Xtaqna wkoll illi dawk li soltu kienu jirċievu "Il-Malti" fl-Uffiċċju jew fid-Dipartiment **fejn kienu jaħdmu,** jgħarrfu wkoll lit-Teżorier **bl-indirizz tad-dar tagħhom.**